



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ġunju 2018  
(OR. en)

10147/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0246 (NLE)**

---

**MAMA 100**  
**MED 31**  
**CFSP/PESC 571**  
**RHJ 3**  
**UD 128**  
**WTO 157**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, rigward emenda għall-Protokoll 3 għal dak il-Ftehim li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni  
stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju  
li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn  
il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda,  
u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra,  
rigward emenda għall-Protokoll 3 għal dak il-Ftehim  
li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji"  
u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002. Skont l-Artikolu 89 tal-Ftehim, ġie stabbilit Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jeżamina kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' fil-qafas ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni oħra bilaterali u internazzjonali ta' interess reċiproku.
- (2) Skont l-Artikolu 92 tal-Ftehim, huwa stabbilit Kumitat ta' Assoċjazzjoni li għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun jista' jiddelegalu, b'mod sħiħ jew parzjalment, kwalunkwe setgħa minn tiegħu.
- (3) Skont l-Artikolu 94(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jkollu s-setgħa li jieħu d-deċiżjonijiet għall-ġestjoni tal-Ftehim kif ukoll fl-oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun iddelegalu s-setgħat tiegħu.
- (4) Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/357/KE, KEFA<sup>2</sup>, il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi stipulata mill-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 15.5.2002, p. 3.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2002/357/KE, KEFA tas-26 ta' Marzu 2002 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 129, 15.5.2002, p. 1).

- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, peress li d-Deċizzjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 għall-Ftehim, li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati fit-territorju tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan"), u marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani u Ġordaniżi, jiksbu status oriġinarju, jkunu vinkolanti fl-Unjoni.
- (6) Skont l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim, kif emendat bid-Deċizzjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan<sup>1</sup>, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (7) Skont il-Protokoll 3 għall-Ftehim, kif emendat mid-Deċizzjoni Nru 1/2016 li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati fit-territorju tal-Ġordan, u marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani u Ġordaniżi, jiksbu status oriġinarju, il-Ġordan ippreżenta proposti biex l-iskema introdotta mid-Deċizzjoni 1/2016 tiġi rilassata ulterjorment.

---

<sup>1</sup> Deċizzjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tal-15 ta' Ġunju 2006, li jemenda il-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 30).

- (8) Wara li eżamina t-talba tal-Ġordan, il-Kunsill, fisem l-Unjoni, iqis li jkun iġġustifikat li jaqbel ma' flessibilitajiet addizzjonali tal-iskema tar-regoli tal-orġini, notevolment fejn jikkonċerna l-abbandun tar-rekwiżit taż-żoni u l-konċessjoni ta' sena addizzjonali qabel iż-żieda meħtieġa tal-forza tax-xogħol Sirjana minn 15% għal 25%. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li jkun iġġustifikat li jkun hemm qbil dwar mument iktar konvenjenti biex jibda l-perjodu ta' erba' snin li jimmarka ż-żieda tal-forza tax-xogħol Sirjana minn 15% għal 25%.
- (9) Jenħtieġ li l-Anness 1 tal-abbozz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni ("l-abbozz tad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni") japplika sal-31 ta' Diċembru 2026 u jenħtieġ li jsir rieżami ta' nofs it-terminu fl-2020 biex jippermetti lill-partijiet jagħmlu aġġustamenti permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.
- (10) Jenħtieġ li l-kisba mill-Ġordan tal-oġġettiv tiegħu li joħloq bejn wieħed u ieħor 200 000 opportunità ta' xogħol għar-refuġjati Sirjani tirrappreżenta wkoll stadju sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Għaldaqstant, meta dan l-oġġettiv jinkiseb, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Ġordan jagħmlu rieżami speċifiku, li jqis ukoll il-modernizzazzjoni tal-Konvenzjoni Pan-Ewromed dwar ir-Regoli tal-Orġini, bl-għan li tiġi estża l-kopertura ta' dik id-Deċiżjoni biex tinkludi l-produzzjoni kollha fil-Ġordan tal-prodotti koperti minn dik id-Deċiżjoni mingħajr il-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tal-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

- (11) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-Anness 1 għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni tkun akkumpanjata minn monitoraġġ xieraq u obbligi ta' rapportar u tkun tista' tiġi sospiża jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha ma jibqgħux jiġu ssodisfati jew jekk il-kundizzjonijiet għall-miżuri ta' salvagwardja jiġu ssodisfati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan stabbilit skont l-Artikolu 92 tal-Ftehim, rigward emenda għall-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru° ./.....**

**TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,**

**ta' ...**

**li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju**

**li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn**

**il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda,**

**u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,**

**dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista**

**ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji**

**sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti,**

**manifatturati fit-territorju tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan,**

**u marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani**

**u Ġordaniżi, jikseb status oriġinarju**

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tal-Ftehim u l-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim,

Billi:

- (1) Mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 1/2016 sa Marzu 2018 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan<sup>1</sup>, ħdax-il kumpanija rreġistraw biex jibbenefikaw minn illaxkar fl-iskema tar-regoli ta' oriġini.
- (2) Bejn Jannar 2016 u Diċembru 2017, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan") ħareġ iktar minn 80 000 permess tax-xogħol lir-refuġjati Sirjani.
- (3) F'Diċembru 2017, il-Ġordan ippreżenta l-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/2016 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati fit-territorju tal-Ġordan, u marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani u għall-Ġordaniżi, jiksibu status oriġinarju.
- (4) Wara s-sejbiet tar-rapport, il-Ġordan għamel talba biex tiġi rieżaminata d-Deċiżjoni 1/2016 u biex jiġu introdotti flessibilitajiet addizzjonali. L-Unjoni kkunsidrat li ċertu titjib fl-iskema għandu jkompli jikkontribwixxi għal iktar impjiegi għar-rifuġjati Sirjani, kif ukoll għall-Ġordaniżi.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Lulju 2016 li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati f'żoni ddedikati għall-iżvilupp u marbuta ma' żoni industrijali, u l-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani u Ġordaniżi, jikseb status oriġinarju [2016/1436] (ĠU L 233, 30.8.2016, p. 6).

- (5) Ir-reviżjoni ulterjuri tar-rekwiżiti applikabbli għall-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jibbenefikaw mir-regoli ta' oriġini jkunu suġġetti għal ċerti kondizzjonijiet bil-għan li jiġi żgurat li l-benefiċċju jmur għall-esportaturi li jikkontribwixxu għall-isforz Ġordaniż li jimpjega r-refuġjati Sirjani.
- (6) L-Anness għal din id-Deċiżjoni japplika għal merkanzija prodotta f'faċilitajiet ta' produzzjoni li qegħdin fil-Ġordan u jimmira li jikkontribwixxi biex jinħolqu impjiegi għar-refuġjati Sirjani u għall-poplu Ġordaniż.
- (7) L-għan ta' din l-emenda huwa li jtejjeb l-inizjattiva oriġinali sabiex itejjeb l-effetti tal-iskema fuq l-ekonomija Ġordaniża u biex jikkontribwixxi biex iżid l-għadd ta' refuġjati Sirjani impjegati legalment fil-Ġordan flimkien mal-għadd ta' Ġordaniżi.
- (8) Jenħtieġ li jkun hemm il-possibilità li tiġi sospiża temporanjament l-applikazzjoni tal-Anness għal din id-Deċiżjoni, li tiġi stabbilita lista kumplimentari ta' ħidma u pproċessar fir-rigward ta' faċilità speċifika ta' produzzjoni jekk il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1.1 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni ma jkunux issodisfati minn dik il-faċilità.
- (9) Jenħtieġ ukoll li jkun hemm il-possibilità li tiġi sospiża temporanjament l-applikazzjoni tal-Anness għal din id-Deċiżjoni fir-rigward ta' kwalunkwe mill-prodotti mniżżla fl-Artikolu 2 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni importati fi kwantitajiet daqstant ikbar u taħt tali kondizzjonijiet li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, danni serji għal produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament fit-territorju kollu tal-Unjoni jew parti minnu jew jikkawżaw disturbi serji f'xi qasam tal-ekonomija tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikoli 24 u 26 tal-Ftehim.

- (10) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun valida għal perijodu limitat ta' żmien biżżejjed biex tipprovdi inċentiv għal investiment addizzjonali u l-ġenerazzjoni tal-impjiegi u għalhekk jenħtieġ li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.
- (11) Il-kisba mill-Ġordan tal-għan tiegħu stabbilit fil-qafas tal-Konferenza Internazzjonali tal-4 ta' Frar 2016 li joħloq madwar 200 000 opportunità ta' impjiegi għar-refuġjati Sirjani jirrappreżenta pass sinifikanti wkoll fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fejn l-Unjoni u l-Ġordan ser jikkunsidraw li jissimplifikaw iktar din il-miżura ta' appoġġ, filwaqt li jqisu wkoll ir-reviżjoni futura tal-Konvenzjoni pan-Ewromediterranja dwar ir-Regoli ta' Orġini.
- (12) Il-Ġordan ser jiżviluppa qafas ġurdiku ċar u stabbli għal impjiegi diċenti tar-refuġjati Sirjani. B'mod partikolari, il-Ġordan ser ikompli jespandi s-setturi u l-impjiegi miftuħa għar-refuġjati, prinċipalment fil-livell tekniku, b'enfasi partikolari fuq il-parteciċipazzjoni tan-nisa. Fl-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Awtonomizzazzjoni u ta' Impjiegi (NEEP - National Empowerment and Employment Program) u fil-kalkolu tal-parteciċipazzjoni ta' persuni mhux Ġordaniżi li jaħdmu f'diversi setturi, il-Ġordan ser jeżenta lir-refuġjati minn tnaqqis possibbli fil-perċentwal ta' persuni mhux Ġordaniżi u jiżgura li ma japplikawx l-ispejjeż biex jinħarġu l-permessi tax-xogħol.
- (13) Il-Ġordan ser joħloq qafas ċar għat-twaqqif ta' impriżi konġunti bejn Sirjani u Ġordaniżi, li jiffoka b'mod partikolari fuq in-nisa, fejn jiżgura li d-drittijiet taż-żewġ partijiet jiġu rispettati, li s-sjieda tiġi ċċarata u li l-aċċess għal finanzjament jiġi ffaċilitat.

- (14) Il-Ġordan ser joħloq sinerġiji iktar b'saħħithom bejn l-entitajiet tas-settur pubbliku, dawk tas-settur privat u d-donaturi, bil-għan li jitjieb l-ambjent tan-negozju u jiġi attrattat l-investiment. Biex tikkomplementa din l-azzjoni, il-komunità internazzjonali ser tipprovdi assistenza u programmi ta' appoġġ għall-innovazzjoni fil-livell tal-kumpaniji, bil-għan li tiżdied il-kapaċità tal-esportazzjoni tad-ditti Ġordaniżi f'setturi fejn il-pajjiż għandu vantaġġ kompetittiv fis-suq globali.
- (15) Il-Ġordan ser jiżgura l-prevedibbiltà regolatorja, bil-għan li jitnaqqsu l-burokrazija żejda u l-ispejjeż għall-investituri. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' inċentivi għall-formalizzazzjoni tan-negozji, is-simplifikazzjoni tal-proċess għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji, l-adozzjoni ta' qafas ġuridiku stabbli għall-insolvenza, it-tassazzjoni korporattiva, is-self bankarju, kif ukoll l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek, u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal kumpaniji li jeħtieġu liċenzja tal-esportazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. L-Anness II(a) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim, li jinkludi l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jsir fuq materjal mhux oriġinarju sabiex il-prodott immanifatturat f'żoni ġeografiċi speċifiċi marbuta ma' impjegi addizzjonali ta' refuġjati Sirjani jkun jista' jikseb status oriġinarju, huwa b'dan sostitwit minn verżjoni ġdida tal-Anness II(a) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim, li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.
2. L-Anness II(a) tal-Protokoll 3 għall-Ftehim għandu japplika sa Diċembru 2026.

### *Artikolu 2*

L-Anness għandu jifforma parti integrali ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Magħmul fi [Amman][Brussell], [x/x/2018]

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni  
UE-Ġordan,  
Il-President*

## ANNESS

### ANNESS II(a)

#### LISTA TA' ĦIDMA JEW IPPROĊESSAR LI HUWA METIEĠ LI JSIR FUQ MATERJALI LI MHUMIEX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB STATUS ORIĠINARJU

##### Artikolu 1

##### Dispożizzjonijiet komuni

- A. A. Definizzjoni ta' oriġini
1. Għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 2, ir-regoli li ġejjin jistgħu japplikaw ukoll minflok ir-regoli elenkati fl-Anness II tal-Protokoll 3 sakemm prodotti bħal dawn jirrispettaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġ li għandhom jitwettqu fuq materjal mhux oriġinarju sabiex prodotti bħal dawn ikunu jistgħu jiksibu status oriġinarju jsiru f'faċilitajiet ta' produzzjoni li jinsabu fit-territorju tal-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ("il-Ġordan"); u

(b) il-forza tax-xogħol totali ta' kull faċilità ta' produzzjoni li tinsab fit-territorju tal-Ġordan fejn jiġu maħduma jew ipproċessati tali prodotti tinkludi proporzjon ta' refuġjati Sirjani ekwivalenti għal mill-inqas 15 % matul l-ewwel, it-tieni u t-tielet sena wara d-data tal-ewwel esportazzjoni skont l-iskema (ikkalkulat individwalment għal kull faċilità ta' produzzjoni) u għal mill-inqas 25 % mill-bidu tar-raba' sena wara d-data tal-ewwel esportazzjoni skont l-iskema (ikkalkulat individwalment għal kull faċilità ta' produzzjoni).

2. Il-proporzjon rilevanti skont il-paragrafu 1(b) għandu jiġi kkalkulat fi kwalunkwe punt wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem meta jitqies l-għadd ta' refuġjati Sirjani li huma impjegati f'impjiegi deċenti u formali u fuq bażi ekwivalenti għal full-time, u li rċevew permess ta' xogħol validu għal perijodu minimu ta' 12-il xahar skont il-liġi applikabbli tal-Ġordan.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan għandhom jissorveljaw ir-rispett tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, għandhom jagħtu lil esportatur ta' prodotti li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet numru ta' awtorizzazzjoni u għandhom jirtiraw minnufih tali awtorizzazzjoni meta dawn il-kondizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

B. Prova tal-orijini

4. Prova tal-orijini maħruġa skont dan l-Anness għandu jkollha l-istqarrija li ġejja bl-Ingliż: 'Derogation – Annex II(a) of Protocol 3 –authorisation number granted by the competent authorities of Jordan'.

C. Kooperazzjoni amministrattiva

5. Meta, skont l-Artikolu 33(5) ta' dan il-Protokoll, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan<sup>1</sup>, l-awtoritajiet doganali tal-Ġordan jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-awtoritajiet doganali rikjedenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (l-“Istati Membri”) bir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom jispeċifikaw li l-prodotti elenkati fl-Artikolu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.
6. Meta l-proċedura ta' verifika jew kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli tidher li tindika li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 mhumiex issodisfati, il-Ġordan għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, iwettqu inkjesti xierqa jew jirringa sabiex dawn l-inkjesti jitwettqu b'urġenza dovuta sabiex jidentifikaw u jipprevjenu dawn il-kontravvenzjonijiet. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-inkjesti.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tal-15 ta' Ġunju 2006 li temenda l-Protokoll 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' “prodotti oriġinarji” u l-metodi tal-kooperazzjoni amministrattiva ( ĠU L 209, 31.7.2006, p. 30).

D. Rapport, monitoraġġ u rieżami

7. Kull sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, il-Ġordan għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-operat u l-effetti ta' dan l-Anness, inkluża l-istatistika tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni fil-livell ta' 8 ċifri jew l-ogħla livell ta' dettall disponibbli, u lista li tidentifika kumpaniji li jipproduċu fiż-Żoni ta' Żvilupp u ż-Żoni Industrijali u li jispeċifikaw il-perċentwal ta' refuġjati Sirjani li kull waħda minnhom tkun ħaddmet fuq bażi ta' sena b'sena. Il-Partijiet għandhom flimkien jirrieżaminaw dawn ir-rapporti u kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan l-Anness fil-qafas ta' korpi eżistenti maħluqa mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u b'mod partikolari fis-Sottokomitat dwar l-Industrija, il-Kummerċ u s-Servizzi. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw ukoll l-involvement ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Bank Dinji fil-proċess ta' monitoraġġ.
8. Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom iwettqu rieżami ta' nofs it-terminu biex jiġi deċiż jekk għandhomx isiru xi modifiki fid-dawl tal-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' dan l-Anness u l-evoluzzjoni tal-konflitt fis-Sirja. Abbażi ta' dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu, il-Komitat ta' Assoċjazzjoni jista' jikkunsidra emendi possibbli għal dan l-Anness.
9. Ladarba l-Ġordan jilħaq il-mira tiegħu li jiffaċilita parteċipazzjoni akbar ta' refuġjati Sirjani fis-suq formali tax-xogħol billi joħroġ għadd totali ta' bejn wiehded u ieħor 200 000 permess tax-xogħol lir-refuġjati Sirjani, il-Partijiet ser jikkunsidraw li jissimplifikaw aktar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness b'konsiderazzjoni tal-iżviluppi fil-kriżi tar-refuġjati Sirjani. Il-Komitat ta' Assoċjazzjoni jista' jemenda dan l-Anness għal dan l-għan.

E. Sospensjoni temporanja

10. (a) L-Unjoni tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fejn l-Unjoni tqis li mhemmx biżżejjed provi li l-Ġordan jew kwalunkwe faċilità speċifika ta' produzzjoni tikkonforma mal-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1. Ir-referenza għandha tidentifika jekk in-nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 huwiex attribwibbli lill-Ġordan jew kwalunkwe faċilità speċifika ta' produzzjoni.
- (b) Jekk fi żmien 90 jum wara li l-kwistjoni tkun ġiet riferita lilu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jonqos milli jiddikjara li r-rispett tal-kondizzjonijiet kif stabbiliti fil-paragrafu 1 huwiex żgurat, jew jonqos milli jemenda dan l-Anness, l-applikazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi sospiża. It-tul tas-sospensjoni għandu jkun dak identifikat fir-riferiment tal-Unjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.
- (c) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi wkoll li jestendi l-perijodu taż-żmien ta' 90 jum li matulu s-sospensjoni għandha ssir effettiva fejn il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun naqas milli jieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet identifikati fil-punt (b) matul il-perijodu estiż ta' żmien.
- (d) L-applikazzjoni ta' dan l-Anness tista' terġa' tibda jekk il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiddeċiedi hekk.
- (e) F'każ ta' sospensjoni, dan l-Anness għandu jkompli japplika għal perijodu ta' erba' xhur b'rabta mal-merkanzija li tkun fi tranżitu jew f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa fl-Unjoni, fid-data ta' sospensjoni temporanja tal-Anness u li għaliha tkun saret il-prova tal-orijini korrettament skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness qabel id-data tas-sospensjoni temporanja.

F. Mekkaniżmu ta' salvagwardja

11. Meta prodott elenkat fl-Artikolu 2 li jibbenefika mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness jiġi importat fi kwantitajiet daqstant ikbar u b'kondizzjonijiet tali li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, danni serji għal produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament fit-territorju kollu tal-Unjoni jew parti minnu jew jikkawżaw disturbi serji f'xi qasam tal-ekonomija tal-Unjoni, skont l-Artikoli 24 u 26 tal-Ftehim, l-Unjoni tista' tirreferi l-kwistjoni għal stħarriġ li jsir mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Jekk fi żmien 90 jum wara li l-kwistjoni tkun ġiet riferita lilu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jonqos milli jadotta deċiżjoni li ttemm tali dannu serju jew theddida ta' dannu serju jew disturbi serji jew jekk ma tkun instabet ebda soluzzjoni sodisfaċenti, l-applikazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi sospiża fir-rigward ta' dak il-prodott, sakemm il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta deċiżjoni li tiddikjara li jkunu temmew jew sakemm tkun intlaħqet soluzzjoni sodisfaċenti mill-Partijiet u jiġi nnotifikat lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

G. Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

12. Dan l-Anness għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li tkun marbuta miegħu u għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

## Artikolu 2

### Lista ta' prodotti u ta' ħidma u pproċessar meħtieġ

Il-lista tal-prodotti li japplika għalihom dan l-Anness u r-regoli tal-ħidma u l-ipproċessar li jista' jiġi applikat bħala alternattiva għal dawk elenkati fl-Anness II huma mniżżla hawn taħt.

L-Anness I għall-Protokoll 3 tal-Ftehim li jinkludi n-noti introduttorji għal-lista fl-Anness II għall-Protokoll 3 tal-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal-lista t'hawn taħt, soġġett għall-emendi li ġejjin:

Fin-Nota 5.2, il-materjali bażiċi li ġejjin jiddaħħlu fit-tieni paragrafu:

- il-fibri tal-ħġieġ;
- il-fibri metalliċi.

Fin-Nota 7.3, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħat-tindif, it-tferriegħ, it-tneħħija tal-imluħa, is-separazzjoni tal-ilma, it-tisfija, l-ġhoti tal-kulur, l-immarkar, il-ksib ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-oriġini.

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex Kapitolu 25 | Melħ; kubrit; trabijiet u ħaġar; materjal tat-tikħil, ġir u siment; ġhajr:                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott<br>jew<br>manifattura fejn il-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott magħmul mill-fabbrika.                                                                                                                                                                                   |
| ex 2519        | Karbonat ta' manjesju naturali (magneżite), f'kontenituri ssiġillati ermetikament, u ossidu tal-menjesju, sew jekk pur jew le, appartni minn manjesja mdewba bis-sħana jew manjesja dead-burned (sinterizzata).                                                                                                                                                                                                              | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, karbonat tal-manjeżju naturali (magneżite) jista' jintuża.                                                                                                                                                                                                                                           |
| ex Kapitolu 27 | Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti mid-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema' minerali; ġhajr:                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott magħmul mill-fabbrika.                                                                                                                                                                                 |
| ex 2707        | Żjut li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom ikun aktar minn dak tal-kostitwenti non-aromatiċi, liema żjut huma simili għal żjut minerali miksuba bid-distillazzjoni tal-faħam tal-qatran b'temperatura għolja li minnu aktar minn 65 % bil-volum jiddistilla f'temperatura sa 250 °C (li jinkludi taħlita ta' spirti tal-petroleum u benzole) għal użu fil-ġenerazzjoni ta' l-enerġija jew bħala karburanti għat-tisħin. | Operazzjonijiet ta' rfinar u / jew proċess(i) speċifiku(ċi) <sup>1</sup> wieħed jew iktar<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| 2710           | Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparati mhux speċifikati jew inklużi band' oħra, li jinkludu 70 % bil-piż jew aktar ta' żjut tal-petroljum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi, dawn iż-żjut huma l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; żjut tal-iskart.                                                                                           | Operazzjonijiet ta' rfinar u / jew proċess(i) speċifiku(ċi) <sup>2</sup> wieħed jew aktar<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |

<sup>1</sup> Għall-kundizzjonijiet speċjali rigward il-‘proċessi speċifiċi’, ara n-Noti Introdutturji 7.1 u 7.3.

<sup>2</sup> Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma’ ‘proċessi speċifiċi’, ara n-Nota Introdutturja 7.2.

|                |                                                                                                                                                                                                                                                            |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
|----------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2711           | Gassijiet tal-petroleum u idrokarburi gassużi oħra.                                                                                                                                                                                                        | Operazzjonijiet ta' raffinar u / jew proċess jew proċess(i) speċifiku(ċi)<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.            |
| 2712           | Vażelina; xema' bajda (tal-parafina), xema' taż-żejt minerali (petroleum) mikrokristallina, xema' slack, ożoċerita, xema' lignite, xema' tal-pit, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sintesi jew bi proċessi oħrajn, ikkuluriti jew le. | Operazzjonijiet ta' raffinar u / jew proċess speċifiku wieħed jew iktar <sup>2</sup><br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| 2713           | Petroleum coke, bitumen tal-petroleum u residwi oħra ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi.                                                                                                                                | Operazzjonijiet ta' raffinar u / jew proċess speċifiku wieħed jew aktar <sup>1</sup><br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| ex Kapitolu 28 | Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjuattivi jew ta' isotopi; għajr:                                                                        | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.                  |
| ex 2811        | Triossidu tal-kubrit; u                                                                                                                                                                                                                                    | Manifattura mid-diossidu tal-kubrit<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                                                                                                                                                                                                            |
| ex 2840        | Perborat tas-sodju;                                                                                                                                                                                                                                        | Manifattura mit-tetraborat tad-dissodju pentaidrat<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                                                                                                                                                                                             |

|                                 |                                                                                                                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
|---------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2843                            | Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiċi jew organiċi ta' metalli prezzjużi, kimikament definiti jew le; amalgami ta' metalli prezzjużi | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 2843.                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| ex 2852                         | - Komposti tal-merkurju ta' eteri interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom                                    | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestatura 2909 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70% tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                                                         |
|                                 | - Komposti tal-merkurju ta' aċidi nukleiċi u l-imluħ tagħhom, kemm jekk ikunu definiti kimikament u kemm jekk le; komposti eteroċikliċi oħrajn.  | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2852, 2932, 2933 u 2934 ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.                                                           |
| ex Kapitolu 29                  | Kimiċi organiċi; għajr:                                                                                                                          | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħliet dik tal-prodott Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika.              |
| ex 2905                         | Alkoholati metalliċi ta' alkoħol ta' din l-intestatura u tal-etanol għajr:                                                                       | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 2905. Madankollu, materjali oħra ta' din l-intestatura jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| 2905 43;<br>2905 44;<br>2905 45 | Mannitol; D-glucitol (sorbitol); Gliċerol                                                                                                        | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, ħliet dik tal-prodott. Madankollu, materjali tal-istess subintestatura bħall-prodott jistgħu jintużaw, kemm-il darba l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika     |

|             |                                                                                                                                                               |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|-------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2915        | Aċti aċikliċi monokarboksiliċi saturati u l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u peroksi aċti; id-derivati aloġenati, sulfonati, nitrati u nitrożati tagħhom: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2915 u 2916 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika                                                   |
| ex 2932     | Eteri interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom                                                                             | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestatura 2909 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott magħmul mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                                 |
|             | – Aċetali ċikliċi u emiaċetali interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom                                                    | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                                                                                                                                                                           |
| 2933        | Komposti eteroċikliċi b'eteroatomu(i) tan-nitroġenu biss:                                                                                                     | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2932 u 2933 li ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                               |
| 2934        | Aċti nuklejiċi u l-melħ tagħhom, definit kimikament jew le; komposti eteroċikliċi oħrajn                                                                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2932, 2933 u 2934 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika                                            |
| Kapitolu 31 | Fertilizzanti                                                                                                                                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbix l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbix is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika |

